Kitba ta'
**Joe Balzan**

# "Bormla fl-1904"

Fis-sena 1904, Bormla kienet għaddejja minn fażi ta' bidla kemm strutturali u anke xi ftit jew wisq soċjali. F'dan iż-żmien kienu qed jiġu mhejjija pjani biex jiġu mibnija żewġ baċiri fuq in-naħa magħrufa bħala dik ta' Għajn Dwieli.

Biex seħħew dawn il-proġetti żgur li wieħed jgħid li Bormla tilfet kompletament l-identità marittima tagħha. Kien għadu kif tlesta eżatt il-proġett tal-mina fis-sur San Pawl li minn Għajn Dwieli dak li jkun jidħol għal Bormla. Din saret biex tispiċċa d-daħla l-antika, u b'hekk Bormla tilfet mhux biss *Bieb San Pawl* imma anke Bieb Bormla (*Bormula Gate*). Dan ġara minħabba l-pjan taż-żewġ baċiri taħt Għajn Dwieli kellhom isiru xi modifikazzjonijiet fil-fortifikazzjonijiet, tant li minħabba f'dan Bormla tilfet partijiet mis-swar tal-Valperga.

Taħt Għajn Dwieli kien hemm il-port ta' San Franġisk, fejn hawn kien hawn ukoll il-kappella dedikata għal dan il-Qaddis. (Fil-parroċċa ta' Bormla għad hemm xi pjaneti u anke l-qniepen ta' l-arloġġ.) Kien hemm villa u bini ieħor, fosthom imħażen li kienu



***Il-Port ta' San Franġisk fejn hemm id-Docks 4 u 5.***

użati mis-sajjieda, barklori u nies oħrajn li kienu jgħixu mix-xogħol li jagħmlu fil-portijiet, speċjalment meta jkun hawn il-vapuri kemm tal-flotta u dawk merkantili.

Bħalma rajna f'Malta l-proġett tal-baċiri kien fl-aqwa tiegħu, miegħu kien għaddej proġett ieħor tal-*breakwater* tal-Port il-Kbir. Kif ukoll kien qed isir xogħol ieħor importanti biex jitneħħew xi swar. Waqt li għaddej dan ix-xogħol seħħet żjara mill-Imperatur Ġermaniż (Kaiser) Wilhelm II. Dan ġie mdawwar ma' proġetti li għal dak iż-żmien kienu proġetti kbar u ta' sfida. (Fil-ġonna ta' San Anton għad hemm siġra mħawla minn dan l-imperatur.)

Minħabba x-xogħol tal-*breakwater* kif ukoll tal-baċiri, wieħed irid ifakkar li kien hawn diversi ħaddiema barranin jaħdmu. Dawn kellhom it-tined tagħhom f'Għajn Dwieli. Uħud minn dawn it-tined sfaw imġarrfin fl-inċident tat-tram meta dan kien niżel għal Bormla u tilef il-kontroll tal-brejkijiet. F'dan l-inċident kienu mietu u korrew xi nies.

Meta wieħed jara u jifhem il-bidla li kienet qed issir ġewwa Bormla, jgħid veru dawk il-Bormliżi li kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom mill-portijiet (kif naraw aktar 'il quddiem f'din il-kitba) sabu ruħhom bla xatt u anke l-proprjetà meħuda. Kemm protesti saru imma b'danakollu ftit li xejn kienu kkumpensati. F'dan il-każ anke dawk tal-Birgu ġralhom bħal ta' Bormla. Biss parti mis-soluzzjoni kienet li jagħmlulhom mina msaqqfa bil-pjanċi tagħti għax-xatt ta' Bormla (ħdejn il-knisja ta' Santa Tereża) biex ikunu jistgħu jtellgħu u jniżżlu l-ingenji jew dak li jkollhom bżonn. Tal-Birgu kienet saret oħra li kienet tibda minn ħdejn il-knisja tal-Karmnu.

Għalkemm din kienet daqqa ta' ħarta b'danakollu bil-proġetti li kienu qed iseħħu kien hemm futur prospettiv f'dawk li huma impjiegi u anke f'oqsma oħrajn għall-Bormliżi. Dawn in-nies li kienu l-barklori, tal-bumbot, il-gadrajja, tal-gaxxen u s-sajjieda naqsu sew fl-għadd tagħhom b'danakollu tneħħi s-sajjieda, kien għad hemm numru sew sa l-Aħħar Gwerra Dinjija (1939-45) jaħdmu fil-portijiet.

Biex ngħid xi ħaġa dwar dawn in-nies nibda mill-barklori kemm kellhom xogħol meta l-flotta kienet numeruża fil-port, il-laneċ ta' Mattei kienu għadhom lanqas biss bdew jaħdmu. Dawn ma kienux użati biss minn nies ta' servizz imma anke minn nies tal-Kottonera. Dawn biex ngħid hekk qalgħu daqqa meta gew introdotti l-laneċ mill-Kottonera ghal Belt Valletta u viċi-versa u mad-dħul tal-karozzi tal-linja sfaw eliminati għal kollox.

Dawk magħrufa bħala *Tal-Bumbot* kienu jinnegozjaw fuq il-vapuri fil-port. Dawn kienu proprjament *Bumboatmen*. Kienu jaħdmu tnejn tnejn u kienu jbiegħu ħafna affarijiet, u naturalment anke jixtru xi affarijiet baxx baxx biex ibiegħuhom u jgħidulek dawn ta' kwalità, ghax ta' abbord. Meta l-vapur jorbot fil-port tara d-dgħajsa tal-bumbot riesqa lejn il-vapur mgħobbija bis-sarar u kaxxi b'ħafna oġġetti. Ngħidu aħna *souvenirs*, bizzilla ta' Malta, kartolini, kpiepel tat-trizza, filugranu u oħrajn. Erħilu jifrex kollox fuq il-gverta tal-vapur u jbiegħ. Jgħidulek li dawn li kellhom dan it-tip ta' permess kollha kienu jmorru tajjeb speċjalment meta l-vapur ikun minn dawk magħrufa bħala tal-P&O.

Kien hemm dawk oħrajn *xipxandler* (*shipchandlers*) jew aħjar kif kienu jsejħulhom il-parti kbira tal-Maltin il-*Gadrajja*. Dawn kienu dawk li malli jersaq vapur kien imur u jieħu l-ordnijiet ta' dak kollu li jkollu bżonn il-vapur. Dawn kienu jkunu minn affarijiet ta' l-ikel sa kull oġġett ieħor eżempju ħbula, kanvas eċċ. Ix-xiri kien ikun bl-ingrossa. Wara li jieħu l-ordnijiet tarah jieħu n-nies li jkollu bżonn bil-karettuni u jibghat ix-xirja ħdejn il-moll. Wara jressaq il-luzzu jew kajjikk biex itella' x-xirja biex iforni l-vapur b'dak li ġie ordnat. Dawn kienu nies li għal dak iż-żmien kellhom kapital biex jagħmlu

dan ix-xogħol, bħal imħażen, bhejjem, karettuni, luzzu jew lanċa u anke nies impjegati.

Wara nsibu wkoll dawk magħrufa bħala tal-*gaxxen*. Dawn kienu nies li kienu jixtru dak il-fdal ta' l-ikel li jibqa' abbord jew fil-kwartieri tas-servizzi, bħal Sant'Anġlu eċċ. Qabel inkompli tajjeb naraw il-kelma *gaxxen* kif hija mnissla u sabet ruħha fil- lingwa Maltija. Il-fdal ta' l-ikel bil-Franċiż hija ***Gachis*** u ara l-Maltin kif ġabuha ***Gaxxen***. Rajna wkoll l-oħrajn li ktibt fuqhom kif sejħulhom il-bumbot u l-gadrajja.

Mela dawn tal-gaxxen ukoll kienu jħaddmu nies oħrajn magħhom, kemm biex jgħabbu u jsuqu l-karettuni biex jinġarr ix-xogħol lejn *Strada Felice* Bormla fejn kien ikun hemm nies oħrajn biex jagħżlu u anke jiġi mibjugħ hawn, u f'postijiet oħrajn bħas-suq ta' Bormla. Jingħad li kien hemm kuntrattur Bormliż li miegħu kellu tletin ruħ jaħdmu f'dan ix-xogħol. Naturalment il-kuntratturi ta' dan ix-xogħol tal-gaxxen kien irid li jkollhom liċenzja biex iwettqu dan ix-xogħol. Din ġiet introdotta meta kien inqala' każ ta' *food poisoning* li kien ftit gravi, aktar minn dawk li kienu ġraw xi drabi qabel.



***Statwa Sant'Andrija – Patrun tal-Barklori***

Ma jridx wieħed jinsa li f'dawk iż-żminijiet il-pagi kienu miżeri u anke il-qagħda soċjali tal-poplu ma kinitx waħda tajba, allura n-nies kienu jduru għal dan l-ikel irħis. Kien hemm anke nies ta' ċerta klassi li kienu jmorru jixtruh bi skuża li jkun għall-kelb.

Ma' dawn żgur wieħed irid iżid id-daqqa tal-mewt li ħadu s-sajjieda ta' din il-belt. Dan ix-xatt sabiħ ta' taħt Għajn Dwieli meta safa meqrud biex jagħmel wisa' għall-baċiri, is-sajjieda li żgur kienu numru mhux ħażin fin-numru sfaw eliminati minn Bormla. It-tifkiriet tagħhom f'Bormla kienu żewġ statwi li waħda kienet inqerdet fil-gwerra (tal-ġebel) u dik tal-fratellanza li għadna ngawduha sal-lum maħduma fl-injam u qiegħda fis-sagristija ta' Bormla.

Meta wieħed jaqra dan kollu jara kemm ix-xtut ta' Bormla kienu l-għixien ta' bosta Bormliżi. Żgur u bir-raġun kienu magħrufa bħala ta' *Baħarhom* li tfisser il-*baħar tagħhom*, imma dan il-baħar tagħhom safa meqrud biex fethet industrija oħra, dik tat-tiswija tal-vapuri tal-flotta li pprovdiet ukoll għixien għal eluf ta' Maltin.